MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

Numru. 527/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Andrew Depasquale**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Andrew Depasquale, ta’ 24 sena, bin Michael u Valerie nee Casapinta, imwieled Pieta, fit-8 ta’ Marzu, 1988 u residenti fil-fond numru 13, Triq il-Mithna, Naxxar u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 135988 (M).

Akkuzat talli f’dawn il-gżejjer, fix-xahar ta’ Mejju 2012 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti magħmula minnu li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula d’riżoluzzjoni waħda:

1. bil-ħsieb li jwettaq frodi b'egħmil qarrieqi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni, u ta bidu għall-esekuzzjoni ta'frodi b'egħmil qarrieqi billi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza' ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, biex jagħmel qliegħ għalih jew għal persuni oħra, ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Go Plc u diversi persuni oħra (€3,735), u dan billi ħoloq konitjiet b'isem ħaddieħor u ismijiet fittizji, uża credit cards ta' ħaddieħor mingħajr permess, bihom xtara kreditu ta' telefonati mingħand Go Plc, u biegħ dan il-kreditu, u b'hekk għamel qliegħ għalih jew għal ħaddieħor.

2. bil-ħsieb li jwettaq frodi b'egħmil qarrieqi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni, u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' frodi b'egħmil qarrieqi billi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza' ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, biex jagħmel qliegħ għalih jew għal persuni oħra, ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) ta' Go Plc u ta' diversi persuni oħra (€3,915), liema reat ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta tiegħu ;

3. Mingħajr awtorizzazzjoni

i. uża *computer* jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-*computer* jew f'xi *computer* ieħor, jew uża, ikkopja jew immodifika kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk; kif ukoll

ii. ħa pussess ta' xi data, software, jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew għamel użu minnhom; kif ukoll

iii. installa, neħħa, biddel, ikkanċella, qered, varja, jew żied ma' xi data, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ; kif wkoll

iv. uża l-kodiċi ta' dħul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku, jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'computer.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, barra li tinfliġġi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'każ ta'sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-Proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 41, 308, 309, 310(1)(a), 337C(1)(a)(f)(g)(i) u 337F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll ir-rieda ta'l-imputat li jibda jindirizza l-problema li ghandu b'l-abbuz tad-droga.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 41, 308, 309, 310(1)(a), 337C(1)(a)(f)(g)(i) u 337F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li jibda u jkompli sa tmiemu programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tordna lill-imputat biex fi zmien sena jhallas lis-socjeta GO plc is-somma ta' €3,735 bhala kumpens.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk l-imputat ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficcju ta' probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------